PR212247

**18/12/2021**

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva permezz tas-Sistema Rapida tal-Ikel u l-Għalf, l-imsemmiin prodotti ***ma għandhomx jiġu kkunsmati minħabba li nstab li huma kkontaminati bl-Ethylene oxide.***

| | |
|---|---|
| Isem tal-prodotti: | Chicken Spices<br><br>Black pepper (seeds) |
| Ditta: | Abido Spices |
| Piż : | 50g |
| Dati tad-Durabbilita` u lott: | Chicken Spices (Expiry 17/03/2023; lot 5254)<br><br>Black pepper (seeds) (Expiry 26/01/2023; lot 5198) |

L-Ethylene oxide huwa pestiċida li l-użu tiegħu fl-ikel ma huwiex awtorizzat fl-Unjoni Ewropeja, iżda hu awtorizzat f'pajjiżi barra l-UE. Għalkemm il-konsum tal-prodott mhux ta' riskju immedjat, hemm riskju ikbar jekk ikel differenti li jkun ikkontaminat b'din il-kimika jittiekel għal perjodu ta' żmien. Għaldaqstant, wieħed għandu jnaqqas kemm jista jkun il-konsum ta' prodotti li jkun fihom din il-kimika, anke jekk f'livell baxx. Din it-twissija qed tinħareġ ukoll wara li kien hemm qbil bejn l-Istati Membri hekk kif rappurtat fuq **https://ec.europa.eu/food/system/files/2021-07/rasff_ethylene-oxide-incident_e410_crisis-coord_sum.pdf**.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq **mhi@gov.mt**. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl** jew

is-sit uffiċjali fuq **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx** għal informazzjoni simili.




